# Rapport ta’ ħidma

**Dekasteru:** Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali

**Kunsill Lokali:** Belt Valletta

**Perjodu:** Lulju 2019 - Diċembri 2019

**Kunsillier:** Mark Spiteri Lucas B.A. (Hons), P.G.C.E., A.L.C.M

---

## Introduzzjoni

L-ewwel sitt xhur ta’ ħidma tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, kienu xhur pjuttost ta’ ħidma, qsim ta’ ideat waqt laqgħat varji u brainstorming ta’ kif nistgħu nibdew naħdmu biex nimplimentaw proġetti varji għall-ġid tal-komunità Beltija b’ enfasi partikolari fuq ir-residenti Beltin. Irrid ngħid li filwaqt li l-qasam tal-edukazzjoni huwa marbut mill-qrib mal-professjoni tiegħi ta’ għalliem, il-qasam soċjali huwa dekasteru li joffri sfidi ġodda għalija. Huwa għalqa ferm impenjattiva u għaldaqstant qed naħdem bil-galbu biex l-affarijiet isiru sew, anke permezz ta’ riċerka, pariri mingħand esperti u fuq kollox laqgħat mal-istakeholders.

## Laqgħat mal-Istakeholders prinċipali li jintrabtu mad-dekasteru tiegħi

Sa mill-ewwel ftit ġimgħat wara li ngħatajt id-dekasteru marbut mal-Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali, fittixt li niltaqa’ ma’ wħud mill-istakeholders ewlenin tal-Kapitali f’ dan ir-rigward. Iltqajt

fost l-oħrajn mal-Kap tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca Primarja Valletta, is-sinjorina Victoria Spiteri flimkien mal-SMT tal-istess skola. Tkellimna fost l-oħrajn dwar kif nistgħu naħdmu id f' id għall-benefiċċju tat-tfal Beltin. Qsamna bosta ideat li filwaqt li wħud minnhom huma short-term oħrajn jistgħu jiġu implimentati aktar fit-tul.

Lill-Kap tal-Iskola Primarja, inkludejtha wkoll fl-ewwel sotto-kumitat li għaqqadt u li fih jinkludi wkoll lis-sinjuri: Carl Farrugia (segretarju), James Sultana, Joe Borg u Graziella Vella. Is-sottokumitat iltaqa' għall-ewwel darba f' Ottubru u wara, f' Diċembru u nista' ngħid li l-ideat li ħarġu f' dawn l-ewwel żewġ laqgħat jimlewni bil-kuraġġ biex inkomplu naħdmu għaliex hemm minjiera ta' inizjattivi x' jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin. Tkellimna fuq attivitajiet varji li fihom nistgħu ninvolvu lil bosta Beltin, kemm tfal u anke anzjani. Nittama biss li jkollna ċ-ċans nagħmluhom u l-aħħar imma żgur mhux l-inqas, ikollna l-fondi adegwati għalihom.

Ilqajt ukoll l-istedina li għamilli s-sur John Mallia, president tal-federazzjoni Maltija tal-koperattivi fejn esplorajna l-idea fost l-oħrajn, kif l-erba' għaqdiet tal-festi fl-Belt Valletta jistgħu jingħaqdu f' koperattiva bil-għan li jibdew jaħdmu flimkien bil-vantaġġi kollha li tagħtik il-liġi tal-koperattivi. Hekk jistgħu jsiru aktar self-sufficient.

Għaddej ukoll b' taħdidiet biex anke fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jibda jiġi organizzat il-kors 'Għaqal id-Dar - Ħajja Aħjar', intiż biex jgħin lill-parteċipanti jiksbu tagħrif u ħiliet biex itejbu l-istil ta' ħajja tagħhom u jkunu kapaċi jgħinu lilhom infushom u

lill-familjari tagħhkom fil-mod ta' kif jimmaniġġjaw ir-riżorsi personali tagħhom.

## Inizjattivi Soċjali u Għajnuna

Bħal kull belt jew raħal ieħor f' Malta, il-Belt Valletta għandha wkoll l-isfidi tagħha fejn jidħol faqar u problemi soċjali oħrajn. Iltqajt diversi drabi mal-community officer u riċerkatur, Dr. Andrew Camilleri, fejn iddiskutejna diversi possibilitajiet ta' kif nistgħu intejbu l-qagħda soċjali ta' diversi familji li jgħixu fil-Kapitali.

Iddeċidejna li flok ma mmorru għal xi ħaġa li taf tħalli l-frott fl-futur immedjat (bħall-organizzazzjoni ta' xi avveniment), naħsbu f' inizjattivi li jagħtuna r-riżultati long term. Għalhekk qed naħdmu fuq studju li jiffoka fuq il-bżonnijiet ta' diversi realtajiet soċjalli li jiffaċċjaw resident partikolari fil-Belt. L-għan huwa li fil-ġimgħat/xhur li ġejjin niltaqgħu ma' nies b' mod informali, nitħaddtu magħhom u niġbru informazzjoni li għandha tgħinna biex nifformulaw inizjattivi, programi u kollaborazzjonijiet ma' terzi persuni/entitajiet li għandhom jagħtuna l-frott fil-futur.

Jien u Dr. Camilleri bdejna billi ltqajna ma' Fr. Michael Camilleri O.P, kappillan tal-Parroċċa ta' San Duminku, li jmiss ma' dawn ir-realtajiet ta' kuljum, u li nemmnu li jista' jkun sors utli mmens f' dan il-proġett. Preżentament, Dr. Andrew Camilleri qiegħed jaħdem biex jippreżenta l-fażi finali ta' din il-proposta riċerkata lill-Bord ta' Etika fi ħdan l-Università ta' Malta. Ġaladarba din tkun approvata, nibdew minnufih bl-intervisti mar-residenti.

# Konklużjoni

Fl-ewwel sitt xhur ta' ħidma messejt aktar ma' realtajiet soċjali li għandhom bżonn ikunu fiċ-ċentru tal-ħidma mhux biss tiegħi bħala kunsillier responsabbli mill-Qasam Soċjali, mhux biss mill-Kunsill Lokali, imma wkoll mill-Gvern Ċentrali. Kienu xhur li fihom ukoll komplejt nitgħallem u nifhem problemi varji tan-nies. Fix-xhur li ġejjin se nkompli nagħmel ħilti kollha biex naraw kif intaffu l-pjaga tal-faqar li jgħixu fih ċerti individwi/familji u nfittex li nkun fuq quddiem nett biex flimkien ma' sħabi l-kunsilliera noħolqu aktar inizjattivi edukattivi għall-Beltin. Ma ninsewx li l-edukazzjoni m'għandhiex limitu, m'għandhiex età u hija ċ-ċavetta għal soċjetà aħjar u stil ta' ħajja aktar san u b'saħħtu.

**Mark Spiteri Lucas B.A. (Hons), P.G.C.E., A.L.C.M**

**Kunsillier Kunsill Lokali Belt Valletta**